MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## MIRIAM HAYMAN

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2006

Numru 195/2002

**Il-Pulizija**
**(Sp. Carmelo Magri)**

**vs**

**Ludvig Bugeja 26 sena bin Angelo u Yvonne nee Camilleri mwieled fil-Pieta', fil-5 ta' Frar, 1976 u li joqghod 18, Triq l-Iljun, Bormla, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 113276(M)**

**Antoine sive Anthony Spiteri 25 sena bin Carmelo u Rose nee Delia mwieled fil-Pieta' fit-22 ta' Jannar, 1977 li joqghod 'Providenza Flats', 2, Triq iz-Znejn l-Abjad, Marsascala, detentur tal-Karta tal-identita' bin-numru 88677 (M)**

**Ronald Cutajar 24 sena bin John u Mary nee Carabott**

**imwieled Pieta' fis-6 ta' Awissu, 1978 li joqghod 44, San Remo Flats, 5, Triq Sir Temi Zammit, Tarxien detentur tal-karta tal-identita' Bin-numru 365378 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmija Ludvig Bugeja, Antoine sive Anthony Spiteri u Ronald Cutajar li gew akkuzati talli fl-14 ta' Ottubru, 2002 f'xi hin wara nofsinhar mill-hanut bl-isem ‚Mithna Bar & Restaurant' sitwat fi Triq il-Kbira, Mellieha kkommetta serq ta' sommaflus kontanti stereo mal-marka ‚JVC' midi system kif ukoll xorb alkoholiku ghad-dannu ta' Alexander Vella mill-Mellieha, liem serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz u bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli ghad-dannu ta' l-istess Alexander Vella, liema hsara tammonta ghal izjed minn hamsin lira Maltin (Lm 50) izda ma tiskorrix-il hames mitt lira Maltin (Lm 500).

Lil Ludvig Bugeja wahdu talli kiser il-kundizzjonijiet tal-artikolu 5 tal-Kapitlu 152 tal-Ligijiet ta' Malta li gew imposti fuqu b'sentenza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) u cioe mill-Magistrat Dott. T. Micallef Trigona LL. D. datata 16 ta' Mejju, 2001.

Lil Anthony Spiteri wahdu talli kiser il-kundizzjonijiet tal-artikolu 5 tal-Kapitlu 152 tal-Ligijiet ta' Malta li gew imposti fuqu b'sentenza mill-Qorti tal-Appell datata 19 ta' Ottubru, 2001.

U finalment lil Ludvig Bugeja u Anthony Spiteri wahedhom talli saru recidivi ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li gie prezentat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali biex dini l-kawza tigi trattata bi proceduri sommarji. Rat ukoll li Ronald Cutajar ma kellu ebda oggezzoni ghal tali proceduri.

Rat li Ronald Cutajar fl-interrogatorju rregistra ammissjoni ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Rat li in vista ta’ l-ammissjoni ta’ Ronald cutajar fis-seduta tal-15 ta’ Gunju, 2005 intalbet u ntlaqghet is-separazzjoni tal-gudizzju u ghalhekk din is-sentenza hija biss fil-konfront ta’ **Ronald Cutajar**.

Illi in vista ta’ l-ammissjoni tieghu u wara li rat l-istqarrija ta’ l-istess issibu hati ta’ l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u dan wara li rat l-artikoli 261, 262, 263, 267, 277, 278, 279, 325, 17, 20, 31 tal-Kapitlu 9.

Rat il-fedina penali tighu li hija ghal kollox netta.

Qeghda ghalhekk tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tliet snin mil-llum wara li rat l-artikolu 22 tal-Kap 446.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------